



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 27.04.2012  
C(2012)2756 final

*Għażiż Speaker,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-opinjoni motivata dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (FTT) u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE {COM(2011)594 finali}.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-għan ewlieni tad-Direttiva li qiegħda tiġi proposta huwa li jiġi żgurat li s-Suq Uniku jibqa' jaħdem tajjeb u biex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-kuntast ta' taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, kemm dawk fis-seħħ u kif ukoll dawk li possibbilment jidħlu fis-seħħ, fl-Istat Membri tal-UE. L-inizjattiva tal-UE dwar l-armonizzazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali tal-FTT hija neċessarja biex jiġu evitati każi ta' tassazzjoni doppja u każi fejn it-tassazzjoni ma ssir imkien, rilokazzjonijiet bla bżonn ta' tranżazzjonijiet u ta' parteċipanti fis-suq u s-sostituzzjoni ta' strumenti finanzjarji fi ħdan l-UE. Inizjattiva bħal din saret partikolarment rilevanti fil-kuntast tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, meta wieħed iżomm f'moħħu li diversi Stati Membri diġà qegħdin japplikaw forma ta' taxxa nazzjonali fuq ċerti tranżazzjonijiet finanzjarji, u li dan il-qasam jista' jkun każ ta' miżuri unilaterali addizzjonali min-naħa tal-Istati Membri.*

*L-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi l-bażi legali xierqa għall-proposta tal-Kummissjoni. Dik il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku. Il-Kummissjoni qagħdet attenta ferm li tiżgura li din il-proposta tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni fil- taqsima li tittratta kemm il-prinċipji ta' sussidjarjetà kif ukoll tal-proporzjonalità. Barra minn hekk, il-Valutazzjoni tal-Impatt li tinsab mal-proposta, flimkien mal-annessi tagħha, tiddefinixxi l-problema, tiddekrivi l-għanijiet, tanalizza d-diversi alternattivi ta' politika u tispjega l-vantaġġi tas-soluzzjoni li nstabet.*

*Onor. Dr Michael FRENDÓ  
Speaker  
Il-Kamra tad-Deputati  
Il-Palazz  
MT – VALLETTA CMR 2000*


*Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li l-istimi preliminari tad-dħul li ssemew fil-Valutazzjoni tal-Impatt huma fl-ordni tad-daqs ta' EUR 75 biljun fis-sena. Għaldaqstant, il-Proposta tal-FTT ma tindirizzax l-attribuzzjoni ta' dħul fil-Baġit tal-UE. Madanakollu, għandu jiġi enfasizzat il-fatt li fil-proposti leġiżlattivi sussegwenti tal-Kummissjoni dwar is-sistemi ta' riżorsi proprji tal-UE, hija la ssuġġeriet l-użu tad-dħul kollu li jinġabar għall-finijiet tal-baġit tal-UE (iżda biss ta' żewġ terzi mid-dħul kollu li jinġabar permezz ta' rati tat-taxxa minimi), u lanqas ħadet deċiżjoni li talloka fondi għal kriżijiet li jistgħu jfaqqgħu fil-ġejjieni.*

*Kjarifika oħra tikkonċerna l-interazzjoni bejn il-proposta u t-trattament tal-VAT tas-servizzi finanzjarji. L-Artikolu 12 tal-proposta jispeċifika b'mod ċar li "L-Istati Membri ma għandhomx iżommu jew jintroduċu taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji għajr għall-FTT li hi l-oġġett ta' din id-Direttiva jew taxxa fuq il-valur miżjud kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE."*

*B'rabta mal-inċidenza ta' din it-taxxa fuq kategoriji differenti ta' atturi ekonomiċi, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li minkejja li tista' tiġi mistennija ċerta żieda fil-kost tal-kapital, il-proposta tipprevedi għadd ta' miżuri ta' mitigazzjoni: il-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa proposta mhuwiex l-attivitajiet finanzjarji ordinarji ta' entitajiet domestiċi, kumpaniji jew gvernijiet; ir-rati tat-taxxa minimi li huma proposti huma baxxi ferm sabiex jiġu evitati konsegwenzi fuq l-ekonomija reali minħabba żieda fil-kost tal-kapital; il-ħruġ primarju ta' ishma u bonds neċessarji biex jiġi ġġenerat kapital li jiffinanzja attivitajiet fl-ekonomija reali mhuwiex ser jiġi ntaxxat. Barra minn hekk, madwar 85% tat-tranżazzjonijiet iseħħu bejn istituzzjonijiet finanzjarji; jekk l-istituzzjonijiet finanzjarji jiġu obbligati li jħallsu t-taxxa, normalment ser ikunu huma li jġarrbu l-parti l-kbira tal-inċidenza tat-taxxa. Ċertament, l-istituzzjonijiet finanzjarji jkollhom jivvalutaw jekk jassorbux tali taxxa huma stess, jew jgħadduhiex lil ħaddieħor, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq, hekk kif jagħmlu b'kosti oħrajn.*

*Il-Kummissjoni tirringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għad-dettalji li pprovditilha dwar il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-Proposta tal-FTT, u tittama li dawn l-ispjegazzjonijiet jgħinu biex jiċċaraw it-ħassib li ntweraw fl-Opinjoni motivata. Il-Kummissjoni tinsab ħerqana li tissokta bid-djalogu politiku dwar din il-kwistjoni tant importanti.*

*Għoddni dejjem tiegħek,*



Maroš Šefčovič  
Vice-President